

Brussell, 1 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0121 (COD)**

9671/17
ADD 1

TRANS 215
SOC 441
EMPL 342
MI 456
COMPET 450
CODEC 926
IA 96

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ġunju 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2017) 187 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir- rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil- gimġha, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-gimġha u r- Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi u Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2017) 187 final.

Mehmuż: SWD(2017) 187 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2017
SWD(2017) 187 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi

u

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq

{COM(2017) 277 final}

{COM(2017) 278 final}

{SWD(2017) 184 final}

{SWD(2017) 185 final}

{SWD(2017) 186 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv (Massimu ta' 2 paġni)

Valutazzjoni tal-impatt għal proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tal-ħinijiet tas-sewqan, il-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ tax-xufiera, u għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward tar-rekwiżiti tal-infurzar u l-istipular ta' regoli speċifiċi b'rabta mad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE fir-rigward tal-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq.

A. Ftieġa li tittieħed azzjoni

X'inhil-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?

Dawn li ġejjin huma l-problemi ewlenin li ġew identifikati:

- kundizzjonijiet tax-xogħol u kundizzjonijiet soċjali mhux xierqa għax-xufiera;
- distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi tat-trasport.

Dawn ġejjin minn:

- nuqqasijiet fil-leġiżlazzjoni soċjali dwar it-trasport bit-triq (tal-ħinijiet tas-sewqan, tax-xogħol u ta' mistrieħ tax-xufiera);
- implimentazzjoni mhux effiċjenti tad-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport bit-triq.

Il-problemi huma marbuta wkoll ma' kwistjonijiet relatati ma' "kumpaniji tal-isem" u mal-kabotaġġ illegali, li jiġu indirizzati f'Valutazzjoni tal-Impatt separata¹. Fin-nuqqas ta' intervent mill-UE, huwa mistenni li dawn il-problemi se jibqgħu jippersistu u jkomplu jikbru.

X'għandu jinkiseb?

L-intervent għandu l-għanijiet ġenerali li:

- jiżgura li jkun hemm kundizzjonijiet tax-xogħol u protezzjoni soċjali xierqa għax-xufiera;
- jevita distorsjonijiet tal-kompetizzjoni;
- jikkontribwixxi lejn is-sikurezza stradali.

L-għanijiet speċifiċi huma dawn li ġejjin:

- il-kjarifikazzjoni u l-aġġustament tar-regoli soċjali tal-UE applikabbli għat-trasport bit-triq (inklużi dawk dwar l-istazzjonar);
- li jiġu previsti interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tar-regoli;
- li jiġi ffaċilitat infurzar transfruntiera aktar konsistenti u effettiv tal-leġiżlazzjoni soċjali.
- it-tiħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri.

L-għan ġenerali huwa li jiġi stabbilit bilanċ bejn l-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u li tiġi ffaċilitata l-libertà tal-operaturi li jipprovdu servizzi transfruntiera.

X'inhul-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

Mhuwix probabbli li n-nuqqasijiet ta' dawn ir-regoli jiġu solvuti mingħajr azzjoni mill-UE. L-isforzi li għamlu l-Istati Membri u l-Kummissjoni s'issa sabiex jiġi żgurat li jkun hemm fehim komuni u infurzar konsistenti tar-regoli jidher li ma kisbu ebda suċċess. Għaldaqstant, l-azzjoni tal-UE sabiex tiġi pprovduta soluzzjoni f'livell tal-UE u biex tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' miżuri nazzjonali diverġenti hija ġustifikata. Il-valur miżjud tal-UE jinsab f'li jiġu stipulati regoli ċari u bilanċjati, u fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar uniformi tagħhom, li ma jistax isir fil-livell tal-Istati Membri.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma d-diversi għażliet għall-ksib tal-għanijiet? Hemm għażla preferuta jew le? Jekk le, għaliex?

Pakkett tal-Politika 1: Kjarifikazzjoni tal-qafas legali u titjib tal-kooperazzjoni – miżuri li jiċċaraw l-ambigwità jiet mingħajr ma jbiddu r-regoli b'mod sostanzjali u li jtejbju l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar mingħajr impatti ta' spejjeż sinifikanti.

Pakkett tal-Politika 2: It-tiħiħ tal-infurzar u bidliet f'dawk li huma l-obbligi - apparti l-miżuri tal-Pakkett tal-Politika 1, dan jinkludi l-miżuri li jadattaw ċerti regoli u li jsaħħu l-infurzar, u li jistgħu jwasslu għal xi spejjeż regolatorji.

Pakkett tal-Politika 3: Reviżjonijiet immirati tal-leġiżlazzjoni soċjali — bidliet sinifikanti fid-dispożizzjonijiet attwali u l-introduzzjoni ta' derogi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni għal attivitajiet speċifiċi.

Il-Pakkett tal-Politika 2 huwa l-għażla preferuta f'termini tat-tiħiħ tal-infurzar u tal-kjarifikazzjoni tal-qafas legali tal-UE.

¹ Analiżi tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 rigward l-aċċess għall-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 rigward l-aċċess għas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq

<p>Il-Pakkett tal-Politika 4 huwa orizzontali u jipprevedi regoli speċifiċi għas-settur fir-rigward tal-istazzjonar fis-settur tat-trasport - jinkludi miżuri dwar rekwiżiti amministrattivi u ta' kontroll inqas eżiġenti u 4 varjanti li jikkorrispondu għall-4 limiti li ġejjin: 3 ijiem fix-xahar (il-Pakkett tal-Politika 4a), 5 ijiem (il-Pakkett tal-Politika 4b) 7 ijiem (il-Pakkett tal-Politika 4c) u 9 ijiem (il-Pakkett tal-Politika 4d) għal durata totali akkumulata ta' attivitajiet imwettqa f'pajjiżi ospitanti illi x-xufiera għandhom jilhqg biex jaqgħu taħt l-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema. Il-piż amministrattiv jitnaqqas b'mod sinifikanti irrispettivament mil-limitu. L-ispejjeż ta' konformità għall-operaturi huma iktar baxxi għal limiti oġhla. Mil-lat tal-ħaddiema, limiti ta' żmien iqsar għandhom effetti aktar pożittivi f'dawk li huma t-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol tax-xufiera u ż-żieda fl-attrazzjoni tal-impjeg. Meta jitqiesu d-diversi impatti ta' kull għażla individwali u d-diffikultajiet fit-tqabbil tagħhom, l-għażla li għandha tinżamm hija deċiżjoni politika.</p>
<p>X'inhil-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?</p> <p>Il-Pakkett tal-Politika 1 huwa l-għażla l-inqas preferuta mill-gruppi kollha ta' partijiet ikkonċernati. Il-Pakkett tal-Politika 2 huwa appoġġat b'mod ġenerali mill-operaturi u mix-xufiera billi l-miżuri tiegħu jippermettu organizzazzjoni aktar effiċjenti tal-operazzjonijiet tat-trasport, rekwiżiti tal-ħin tax-xogħol u tal-mistrieħ aktar favorevoli u aqwa, kif ukoll infurzar aktar effettiv u uniformi. It-trejdjunjins u l-awtoritajiet nazzjonali esprimew opinjonijiet differenti. Il-Pakkett tal-Politika 3 huwa ppreferut mill-industrija tax-xarabanks u tal-kowċis (prinċipalment dawk mill-pajjiżi l-kbar tal-UE-15). It-trejdjunjins jappoġġaw biss miżura waħda tal-Pakkett tal-Politika 3 (il-projbizzjoni ta' paga abbażi tal-prestazzjoni), filwaqt li jiċħdu l-miżuri l-oħra. Il-Pakkett tal-Politika 4 huwa preferut mill-industrija u mill-maġġoranza tal-Istati Membri minħabba li jipprovdi soluzzjonijiet ċari u proporzjonati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar. It-trejdjunjins u tliet Stati Membri jopponu s-soluzzjoni skont liema l-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva iskatta abbażi tal-limiti ta' żmien.</p>
<p>C. Impatti tal-għażla preferuta</p>
<p>X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?</p> <ul style="list-style-type: none"> - Titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-mistrieħ tax-xufiera bis-saħħa ta' regoli aktar flessibbli u xierqa, ċarezza rigward ir-rati ta' paga applikabbli u kundizzjonijiet oħra ta' protezzjoni soċjali meta l-ħaddiema jaħdmu barra minn pajjiżhom, kundizzjonijiet aqwa ta' mistrieħ, perjodi iqsar 'l bogħod mid-dar. - Titjib tal-kapaċità tal-operaturi li jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'mod aktar effiċjenti; - Iffrankar għall-operaturi ta' madwar EUR 785 miljun fis-sena fi spejjeż amministrattivi; - Żieda fir-remunerazzjoni ta' xufiera involuti f'operazzjonijiet ta' trasport fi Stati Membri b'rati ta' ħlas oġhla; - Ċertezza legali u konsistenza fl-infurzar.
<p>X'inhuma l-kostijiet tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?</p> <ul style="list-style-type: none"> - Żieda żgħira tul żmien qasir fl-ispejjeż tal-infurzar għall-awtoritajiet, li mistennija tiġi kkumpensata tul perjodu ta' żmien itwal bis-saħħa ta' kontrolli aktar effiċjenti; - Żieda żgħira tul żmien qasir fl-ispejjeż tal-konformità u fl-ispejjeż amministrattivi għall-operaturi minħabba l-obbligu ta' akkomodazzjoni għall-mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa, ħtieġa potenzjali li jiġu impjegati xufiera ġodda, l-applikazzjoni ta' pagi oġhla ta' Stati Membri ospitanti.
<p>X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?</p> <p>Huwa mistenna li l-biċċa l-kbira tal-miżuri ma jkollhomx impatti partikolari fuq l-SMEs. Madankollu, l-obbligu tal-akkomodazzjoni għax-xufiera u l-bidliet fil-kalkolu tal-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa jistgħu jaffettwaw aktar mikroimpriżi li jkollhom inqas flessibilità fl-organizzazzjoni tal-operazzjonijiet tagħhom maħsuba biex tiġi evitata ż-żieda fl-ispejjeż. Min-naħa l-oħra, it-tnaqqis mistenni fl-ispejjeż amministrattivi u fl-ispejjeż ta' konformità marbuta mad-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar se jkun aktar sinifikanti għal kumpaniji żgħar, b'mod partikolari għal dawk mill-UE-13.</p>
<p>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</p> <p>Le, bl-eċċezzjoni ta' żieda żgħira tul żmien qasir fl-ispejjeż tal-infurzar li mistennija tiġi kkumpensata tul perjodu ta' żmien itwal permezz ta' ffrankar bis-saħħa ta' kontrolli aktar effiċjenti.</p>
<p>Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra?</p> <p>L-ebda impatti ambjentali jew impatti sinifikanti fil-livell globali tal-impjegji fil-livell tal-UE. Sinerġiji mal-inizjattiva dwar l-aċċess għas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq: 1) effiċjenza ikbar fl-infurzar, 2) ġlieda aktar effiċjenti kontra Prattiki ta' impjeg illegali.</p>
<p>Proporzjonalità?</p> <p>L-għażla preferuta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tissolva l-problema oriġinali u biex jintlaħqu l-għanijiet tal-inizjattiva. L-inizjattiva toffri soluzzjoni proporzjonata u bilanċjata għal problemi soċjali u ta' kompetizzjoni li huma interkonnessi ma' xulxin.</p>
<p>D. Segwitu</p>
<p>Meta se tiġi rieżaminata l-politika?</p> <p>L-evalwazzjoni <i>ex post</i> se ssir skont ċiklu tal-politika regolari (fi żmien bejn 5 u 7 snin).</p>

